



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, **XXX**
SANCO/10098/2009 Rev. 2
(POOL/G4/2009/10098/10098R2-
EN.doc)
[...](2018) **XXX**

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

**Dokument ta' gwida dwar l-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament
(KE) Nru 853/2004 dwar l-iġjene tal-ikel li joriġina mill-animali**

Dan id-dokument ġie stabbilit għall-finijiet ta' informazzjoni biss. La ġie adottat u lanqas approvat bl-ebda mod mill-Kummissjoni Ewropea.

Il-Kummissjoni Ewropea ma tiżgurax li l-informazzjoni pprovduta hi preċiża, u lanqas ma taċċetta r-responsabbiltà għal kwalunkwe użu li jsir minnha. L-utenti għandhom għalhekk jieħdu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa qabel ma jużaw din l-informazzjoni, li jużawha għal kollox b'responsabbiltà tagħhom.

L-GĦAN TA' DAN ID-DOKUMENT

Dan id-dokument hu mmirat prinċipalment lejn in-negozji tal-ikel u l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, u għandu l-għan li jagħti gwida għall-implimentazzjoni tar-rekwiżiti ġodda dwar l-iġjene fl-ikel u dwar suġġetti relatati.

Il-qarrejja f' pajjiżi terzi jistgħu jsibu elementi utli fid-dokument sabiex jifhmu aħjar l-ambitu u l-għan tar-regoli tal-UE dwar l-iġjene fl-ikel.

NOTA

Dan id-dokument hu dokument li qed jevolvi u se jkun aġġornat biex jirrifletti l-esperjenzi u l-informazzjoni tal-Istati Membri, tal-awtoritajiet kompetenti, tan-negozji tal-ikel u tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni tal-Ikel u Veterinarju.

1. INTRODUZZJONI

Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 li jistipula regoli speċifiċi fuq l-iġjene fl-ikel li joriġina mill-annimali, (minn issa l quddiem “ir-Regolament”) kien adottat fid-29 ta’ April 2004¹. Dan jistipula r-rekwiżiti tal-iġjene li jridu jitħarsu minn negozji tal-ikel li jkunu qed jimmaniġġjaw ikel li joriġina mill-annimali fl-istadji kollha tal-proċess tal-ikel. Minn meta ġie adottat ir-Regolament, il-Kummissjoni ntalbet tiċċara għadd ta’ aspetti marbuta miegħu. Dan id-dokument jimmira li jsegwi dawn it-talbiet.

Id-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għas-Saħħa u l-Ħarsien tal-Konsumatur għamel serje ta’ laqgħat ma’ esperti mill-Istati Membri sabiex jeżamina u jilħaq kunsens fuq għadd ta’ kwistjonijiet li jikkonċernaw l-implimentazzjoni u l-interpretazzjoni tar-Regolament.

Biex ikun hemm trasparenza, il-Kummissjoni ppromwoviet ukoll diskussjonijiet mal-partijiet ikkonċernati sabiex tagħti ċ-ċans lill-interessi soċjoekonomiċi differenti jesprimu fehmithom. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni organizzat laqgħa ma’ rappreżentanti tal-produtturi, tal-industrija, tal-kummerċ u tal-konsumaturi biex jiddiskutu kwistjonijiet marbuta mal-implimentazzjoni tar-Regolament.

Tqies li dawn il-laqgħat u d-diskussjonijiet għandhom jibqgħu għaddejnin fid-dawl tal-esperjenza miksuba mill-applikazzjoni sħiħa tar-Regolament mill-1 ta’ Jannar 2006.

Ta’ min jinnota li l-materji marbuta man-nuqqas ta’ konformità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali mar-Regolament jibqgħu barra mill-ambitu ta’ dan l-eżerċizzju u jibqgħu jiġu trattati skont proċeduri stabbiliti tal-Kummissjoni.

Id-dokument preżenti jimmira biex jgħin lill-partijiet kollha fil-proċess tal-ikel biex jifhmu aħjar ir-Regolament u japplikawh sew u b’mod uniformi. Iżda, dan id-dokument m’għandu l-ebda status legali formali u f’każ ta’ tilwim, ir-responsabbiltà aħħarija għall-interpretazzjoni tal-liġi taqa’ f’idejn il-Qorti tal-Ġustizzja.

Biex wieħed jifhem sew l-aspetti differenti tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, hu essenzjali li wieħed ikun familjari wkoll ma’ partijiet oħra tal-leġiżlazzjoni Komunitarja, u b’mod partikolari mal-prinċipji u d-definizzjonijiet ta’:

- Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jistipula l-prinċipji ġenerali u r-rekwiżiti tal-liġi fuq l-ikel, li jstabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u li jistipula proċeduri fuq materji ta’ sigurtà fl-ikel² (magħruf ukoll bħala l-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel),

¹ ĠU L 226, 25.6.2004, p. 22.

² ĠU L 31, 1.2.2002, p 1.

- Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel³, u
- Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-ġhalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-benessri tal-annimali⁴,
- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 tal-15 ta' Novembru 2005 dwar il-kriterji mikrobijoloġiċi għall-oġġetti tal-ikel⁵,
- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005 tal-5 ta' Diċembru 2005 li jstipula l-miżuri li jimplimentaw għal ċerti prodotti skont ir-Regolament (KE) Nru 853/2004, għall-organizzazzjoni tal-kontrolli uffiċjali skont ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004, li jidderoga mir-Regolament (KE) Nru 852/2004 u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 853/2004 u (KE) Nru 854/2004⁶,
- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2075/2005 tal-5 ta' Diċembru 2005 li jstabilixxi regoli speċifiċi dwar kontrolli uffiċjali għat-*Trichinella* fil-laħam⁷,
- Ir-Regolament tal-Kummissjoni tal-5 ta' Diċembru 2005 li jstabilixxi l-arranġamenti tranżizzjonali għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti (KE) Nri 833/2004, 854/2004 u 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemendaw ir-Regolamenti (KE) Nri 853/2004 u 854/2004⁸.

Dokumenti ta' gwida separati fuq ir-Regolamenti (KE) Nru 178/2002 u (KE) Nru 852/2004 ġew stabbiliti.

(Ara http://europa.eu.int/comm/food/food/foodlaw/guidance/index_en.htm)

³ ĠU L 226, 25.6.2004, p. 3
⁴ ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1.
⁵ ĠU L 338, 22.12.2005, p 1.
⁶ ĠU L 338, 22.12.2005, p 27.
⁷ ĠU L 338, 22.12.2005, p 60.
⁸ ĠU L 338, 22.12.2005, p 83.

2. OBBLIGI TAL-OPERATURI TAN-NEGOZJI TAL-IKEL

Ir-Regolament irid jiġi implimentat min-negozji tal-ikel. Dawn iridu jiżguraw li r-rekwiżiti kollha huma implimentati b'mod xieraq sabiex jiżguraw is-sigurtà fl-ikel.

In-negozji tal-ikel li jittrattaw ikel li joriġina mill-annimali jridu jimplimentaw ir-rekwiżiti xierqa tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 flimkien mar-rekwiżiti stipulati fir-Regolament (KE) Nru 852/2004.

3. KAMP TA' APPLIKAZZJONI (ARTIKOLU 1 TAR-REGOLAMENT)

3.1. Negozji żgħar

Sal-1 ta' Jannar 2006, ċerti negozji żgħar setgħu jqiegħdu biss il-prodotti tagħhom fis-suq nazzjonali jew lokali, għalkemm kellhom iħarsu l-kriterji dwar l-iġjene fl-ikel, eż.

- Skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 64/433/KEE (id-Direttiva fuq il-laħam frisk) il-laħam minn biċċeriji żgħar li jittrattaw mhux aktar minn 20 unità ta' bhejjem fil-gimġha, u impjanti li jqattgħu l-bhejjem, li ma jipproduċux aktar minn ħames tunnelli ta' laħam bl-għadam fil-gimġha;
- Skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 71/118/KEE (id-Direttiva fuq il-laħam tat-tjur), il-biċċeriji li jittrattaw inqas minn 150 000 tajra fis-sena
- Skont l-Artikolu 3, il-punt A(7) tad-Direttiva 77/99/KEE (id-Direttiva fuq il-prodotti tal-laħam), meta l-istabbilimenti jużaw ikel li ġie immarkat b'tabella tas-saħħa nazzjonali.

Dawn id-Direttivi se jkunu irrevokati mill-1 ta' Jannar 2006. Minn dak inhar 'il quddiem dawn l-istabbilimenti jistgħu jqiegħdu l-prodotti tagħhom fis-suq tal-Komunità jekk jiġu approvati mill-awtorità kompetenti.

Mill-1 ta' Jannar 2006, għalhekk m'hemm l-ebda restrizzjoni aktar fuq il-provviżjon ta' laħam għall-produzzjoni ta' prodotti tal-laħam u t-tqegħid tagħhom fis-suq, jekk il-biċċerija hi approvata mill-awtorità kompetenti.

Minħabba li x'aktarx ma jkunux ittiegħu l-passi amministrattivi kollha biex japprovaw in-negozji ż-żgħar sal-1 ta' Jannar 2006, ġiet adottata miżura tranżitorja li tagħti lok biex il-prattiki preżenti jibqgħu għal dawk in-negozji ż-żgħar li ma ġewx approvati f'dik id-data u biex sadanittant tintuża l-marka tas-saħħa nazzjonali.

3.2. **Stabbilimenti li jittrattaw ikel li joriġina mill-annimali li għalih mhumiex stipulati rekwiżiti dettaljati**

Għal ċerti prodotti li joriġinaw mill-annimali (eż. l-għasel), ir-Regolament ma jistipulax regoli dettaljati. F'dak il-każ, l-ikel li ġej mill-annimali jrid jiġi trattat skont ir-rekwiżiti rilevanti stipulati fir-Regolament (KE) Nru 852/2004 u anki skont ir-regoli ġenerali għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali stipulati fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 (b'mod partikolari r-regoli fuq prodotti minn barra l-Komunità msemmija fl-Artikolu 6).

Minħabba li għal dawn il-prodotti m'hemm l-ebda rekwiżiti fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, l-istabbilimenti li jittrattaw il-prodotti m'għandhomx għalfejn ikunu approvati u lanqas m'għandhom għalfejn iwaħħlu marka ta' identifikazzjoni fuq l-ikel.

3.3. **Prodotti koperti bir-Regolament (KE) Nru 853/2004**

Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 japplika biss għal **ikel mhux proċessat u ipproċessat** li joriġina mill-annimali.

- **Lista (mhux dettaljata) ta' prodotti mhux ipproċessati li joriġinaw mill-annimali** [kif definita fl-Artikolu 2, punt 1(n) tar-Regolament (KE) Nru 852/2004] tinsab fl-Anness I ta' dan.
- **Lista (mhux dettaljata) ta' prodotti pproċessati li joriġinaw mill-annimali** [kif definita fl-Artikolu 2, punt 1(o) tar-Regolament (KE) Nru 852/2004] tinsab fl-Anness II għal dan.

Meta jkun qed jiġi determinat jekk prodott li ġej mill-annimali hux ipproċessat jew le, importanti li jitqiesu d-definizzjonijiet **kollha** rilevanti li jinsabu fir-regolamenti fuq l-iġjene, b'mod partikolari, id-definizzjonijiet ta' 'ipproċessar', 'prodotti mhux ipproċessati' u 'prodotti ipproċessati' fl-Artikolu 2 tar-Regolament 852/2004, u d-definizzjonijiet ta' ċerti prodotti pproċessati fit-Taqsima 7 tal-Anness I tar-Regolament 853/2004. Ir-relazzjoni interna bejn dawn id-definizzjonijiet se tħalli impatt fuq id-deċiżjoni milħuqa.

3.4. **Ikel li fih kemm prodotti li joriġinaw mill-pjanti kif ukoll prodotti li joriġinaw mill-annimali**

L-Anness III jagħti dehra ġenerali tal-ambitu taż-żewġ Regolamenti (KE) Nru 852/2004 u 853/2004. Id-dehra ġenerali mhix dettaljata u għalhekk indikattiva biss. Tista' tiġi riveduta minħabba l-esperjenzi miksuba bir-regoli l-ġodda.

Sakemm mhux espliċitament indikat il-kuntrarju, ir-Regolament ma japplikax għall-produzzjoni ta' ikel li fih kemm prodotti li joriġinaw mill-pjanti kif ukoll prodotti **pproċessati** li ġejjin mill-annimali. Dik it-tneħħija mill-iskop hi bbażata

fuq l-osservazzjoni li r-riskju li fih l-ingredjent li joriġina mill-animali jista' jkun ikkontrollat billi jiġu implimentati r-regoli tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 mingħajr ma jkun hemm bżonn li jiġu applikati aktar rekwiżiti speċifiċi dettaljati. Minkejja dan, l-Artikolu 1, il-paragrafu 2 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 jgħid biċ-ċar li **l-prodotti pproċessati li joriġinaw mill-animali** użati f'ikel li fih kemm prodotti li joriġinaw mill-pjanti kif ukoll prodotti pproċessati li joriġinaw mill-animali li huma eżentati mill-iskop tar-Regolament 853/2004, għandhom jinkisbu u jiġu trattati skont ir-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 eż.

- It-trab tal-ħalib użat biex jagħmlu l-ġelat irid ikun inkiseb skont ir-Regolament (KE) Nru 853/2004, iżda l-fabbrikazzjoni ta' ċerti ġelati ssir skont ir-Regolament (KE) Nru 852/2004;
- Prodotti pproċessati li joriġinaw mill-animali, bħal laħam, prodotti tal-ħalib u/jew tas-sajd, użati biex tiġi ppreparata l-pizza jridu jkunu nkisbu skont ir-Regolament (KE) Nru 853/2004, iżda l-fabbrikazzjoni tal-pizza taqa' taħt ir-Regolament (KE) Nru 852/2004;
- Prodotti tal-laħam u/jew tal-ħalib użati biex jagħmlu ikliet lesti għall-ikel magħmula minn prodotti pproċessati bħal dawn u ħaxix jridu jkunu nkisbu skont ir-Regolament (KE) Nru 53/2004, iżda l-fabbrikazzjoni ta' dawn l-ikliet lesti għall-ikel jaqgħu taħt ir-Regolament (KE) Nru 852/2004;
- Prodotti tal-bajd użati biex jagħmlu l-majoneż iridu jkunu inkisbu skont ir-Regolament (KE) Nru 853/2004, iżda l-fabbrikazzjoni tal-majoneż ssir skont ir-Regolament (KE) Nru 852/2004;

Madankollu, iż-żieda ta' prodott li joriġina mill-pjanti ma' prodott ipproċessat li joriġina mill-animali ma jfissirx awtomatikament li l-ikel li jkun riżultat ta' dan jaqa' taħt it-tifsira tal-Artikolu 1, paragrafu 2 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, eż.:

- Ġobnijiet li jkollhom ħxejjex aromatiċi miżjuda magħhom jew jogurts li jkollhom frott miżjud magħhom jibqgħu prodotti tal-ħalib, u l-fabbrikazzjoni tagħhom għandha tiġi mwettqa taħt ir-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- Zalzett li jkollu t-tewm jew is-soja miżjud miegħu jibqa' prodott tal-laħam, u l-fabbrikazzjoni tiegħu għandha titwettaq skont ir-Regolament (KE) Nru 853/2004.

Meta l-ingredjent li joriġina mill-pjanti, li huwa miżjud ma' prodott ipproċessat li joriġina mill-animali, għandu funzjoni teknoloġika u jimmodifika l-prodott tal-bidu b'tali mod li l-ikel li jirriżulta minnu ma jistax jibqa' taħt id-definizzjoni ta' "prodotti pproċessati li joriġinaw mill-animali" kif stipulat fl-Artikolu 2, punt (o) tar-Regolament (KE) Nru 852/2004, għaldaqstant prodott bħal dawn jaqgħu taħt it-tifsira tal-Artikolu 1, paragrafu 2 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, eż.:

- Xaħmijiet li jiddelku fejn ix-xaħmijiet tal-ħalib kollha jew parti minnhom inbidlu f'xaħmijiet li joriġinaw mill-pjanti.

Rimarka: stabbiliment li jipproduċi kemm prodotti li joriġinaw mill-annimali kif ukoll prodotti oħra, jista' jwaħħal il-marka ta' identifikazzjoni meħtieġa għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali, fuq il-prodotti l-oħra wkoll (ara l-Anness II, it-Taqsima I, il-punt B.7 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004).

3.5. Bejgħ bl-innut

Sakemm mhux espliċitament indikat mod ieħor, **ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 ma japplikax għall-bejgħ bl-innut** [l-Artikolu 1, il-paragrafu 5(a)].

Id-definizzjoni ta' bejgħ bl-innut tinsab fl-Artikolu 3, il-punt 7 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002. Hi miktuba kif ġej:

“bejgħ bl-innut” tfisser l-ittrattar u/jew l-ipproċessar tal-ikel u l-ħażna tiegħu meta jinbiegħ jew meta jasal għand l-aħħar konsumatur, u jinkludi l-postijiet tat-tqassim, l-operazzjonijiet tal-catering, il-canteens tal-fabbriki, il-catering istituzzjonali, ir-ristoranti u postijiet oħra simili li joffru servizz tal-ikel, ħwienet, ċentri tat-tqassim tas-supermarkets u ħwienet li jbiegħu bl-ingrossa.

Kif spjegat fir-reċitazzjonijiet 12 u 13 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, din id-definizzjoni li tinkludi l-operazzjonijiet tal-bejgħ bl-ingrossa kienet meqjusa li hi wiesgħa wisq għall-finijiet tal-iġjene fl-ikel. Fil-kuntest tal-iġjene fl-ikel, il-bejgħ bl-innut għandu ġeneralment ikollu tifsira aktar limitata kif ġej: “attivitajiet li jinvolvu bejgħ dirett jew forniture ta' ikel li joriġina mill-annimali lill-konsumatur aħħari”. Dan ifisser li:

- Għal attivitajiet li jinvolvu bejgħ dirett jew forniture ta' ikel li joriġina mill-annimali lill-konsumatur aħħari, ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 għandu jkun biżżejjed. Skont id-definizzjoni ta' “bejgħ bl-innut”, it-terminu “attivitajiet” jinkludi l-ipproċessar (eż. il-preparazzjoni ta' prodotti tal-furnar li fihom prodotti li joriġinaw mill-annimali, il-preparazzjoni ta' prodotti tal-laħam f'ħanut lokali tal-laħam) meta jsir il-bejgħ lill-konsumatur aħħari.
- Fir-rigward ta' attivitajiet ta' bejgħ bl-ingrossa (jiġifieri meta stabbiliment li jbiegħ bl-ingrossa jew bl-innut iwettaq ħidmiet bil-għan li jissupplixxi ikel li joriġina mill-annimali lil stabbiliment ieħor), ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 japplika ħlief:
 - għal stabbilimenti li għalihom l-attivitajiet ta' bejgħ bl-ingrossa jikkonsistu biss fil-ħażna u l-ġarr. F'dak il-każ, ir-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 852/2004, u r-rekwiżiti tat-temperatura stipulati fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 japplikaw,

- jekk il-fornitura hi, skont il-liġi nazzjonali, attività **marġinali, lokali u ristretta** ta' stabbiliment li jbiegħ bl-imnut li jissupplixxi prinċipalment lill-konsumatur aħħari. F'dak il-każ, ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 biss japplika.

Iżda, skont l-Artikolu 1, il-paragrafu 5(ċ), l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jestendu d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 għall-istabbilimenti li jinsabu fit-territorju tagħhom li għalihom ma jkunux japplikaw. Meta jkunu qed japplikaw din il-possibbiltà, l-Istati Membri għandhom ikunu iggwidati mill-prinċipji ġenerali tal-liġi fuq l-ikel, jiġifieri l-proporzjonalità u l-bżonn li jkollhom regoli li huma ibbażati fuq ir-riskju.

3.6. Il-kunċett “attività marġinali, lokali u ristretta” kif hemm referenza għaliha fl-Artikolu 1 il-paragrafu 5, il-punt b)ii tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

Dak il-kunċett jippermetti lill-ħwienet ġenwini li jbiegħu bl-imnut, li jfornu lill-konsumatur aħħari (eż. biċċier) biex ifornu ikel li joriġina mill-annimali li negozju lokali ieħor li jbiegħ bl-imnut skont ir-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 biss. Ir-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 (eż. l-approvazzjoni tal-istabbiliment, l-applikazzjoni ta' marka ta' identifikazzjoni) ma jkunux japplikaw.

F'termini ġenerali, il-kunċett “attività marġinali, lokali u ristretta” għandu jippermetti li jibqgħu jsiru l-prassi preżenti kif jeżistu fl-Istati Membri.

Il-kunċett “fornitura marġinali, lokali u ristretta” toħroġ mill-osservazzjoni li l-istabbilimenti li jbiegħu bl-imnut, li jfornu lill-konsumatur aħħari bħala l-kummerċ ewlieni tagħhom, għandhom fil-verità jinneozjaw il-prodotti tagħhom lokalment (ukoll jekk id-destinazzjoni hi fi Stat Membru ieħor) u għalhekk mhumiex involuti f'kummerċ fuq distanzi twal li jkun jeħtieġ aktar attenzjoni u superviżjoni speċjalment fejn jidħol it-trasport u l-ħtieġa li l-prodotti jinżammu fil-friża tul il-ġarr. Għalhekk, fil-każ ta' Stat Membru kbir ma jkunx konformi mar-Regolament li jestendi b'mod ġeografiku l-kunċett tal-“fornitura marġinali, lokali u ristretta” lit-territorju kollu ta' dak l-Istat Membru.

Il-kunċett hu spjegat f'aktar dettal fir-reċitazzjoni (13), fejn hu enfasizzat li dik il-fornitura għandha tkun biss parti żgħira min-negozju tal-istabbiliment li qed jissupplixxi; l-istabbiliment li jiġi fornut għandu jkun fil-viċinanza eżatta tiegħu, u l-fornitura għandha tikkonċerna biss ċerti tipi ta' prodotti jew stabbilimenti.

F'ċerti każi l-bejjieġha (eż. il-biċċiera) jistgħu jipproduċu kwantitajiet żgħar (f'termini assoluti) ta' ikel, li ħafna minnu jiġi fornut lill-caterers u/jew lill-bejjieġha oħra. F'dawk il-każijiet ikun hemm konformità mal-intenzjoni tar-Regolament li tgħin biex jibqgħu jintużaw metodi tradizzjonali ta' tqassim, meta wieħed iqis li “marġinali” għandha tinkludi l-kunċett ta' kwantitajiet żgħar. “Marġinali” għandha għalhekk tiġi interpretata bħala ammont żgħir ta' ikel li joriġina mill-annimali f'termini assoluti **jew** bħala parti żgħira min-negozji tal-

istabbiliment. Minkejja kollox, l-abbinament tat-tliet kriterji pprovduti mir-Regolament għandu jippermetti li jiġu kwalifikati b'mod xieraq, ħafna sitwazzjonijiet.

Ir-regoli nazzjonali li għandhom jiġu adottati skont l-Artikolu 1, paragrafu 5, punt b)ii tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 għandhom ikunu soġġetti għar-regoli ġenerali tat-Trattat, u b'mod partikolari l-Artikoli 28, 29 u 30 tiegħu.

3.7. **Produzzjoni primarja koperta bir-Regolament (KE) Nru 853/2004**

Għal ċerti prodotti li joriġinaw mill-annimali, il-kunċett “produzzjoni primarja” li hemm referenza għalih fir-Regolament (KE) Nru 852/2004 hu żviluppata aktar fir-Regolament (KE) Nru 853/2004:

Molluski bivalvi ħajjin [Anness III, Taqsima VII, punt 4(a)]

Fir-rigward ta' molluski bivalvi ħajjin, il-produzzjoni primarja tkopri l-ħidmiet li jsiru qabel ma l-molluski bivalvi ħajjin jaslu fil-post tat-tluq, ċentru ta' purifikazzjoni jew stabbiliment tal-ipproċessar.

Prodotti tas-sajd [Anness III, Taqsima VIII, punt 4 u Anness III, Taqsima VIII, punti 3(a) u (b)].

Fir-rigward tal-prodotti tas-sajd, il-produzzjoni primarja:

- Tinkludi l-biedja/is-sajd/il-ġbir ta' prodotti tas-sajd ħajjin (*sew jekk mill-ilma baħar jew mill-ilma ħelu*) bil-għan li jitqiegħdu fis-suq, u
- Tinkludi l-operazzjonijiet assoċjati li ġejjin:
 - Qtil, skarnar, qtugħ ta' rjus, tiswiġa, tneħħija tal-ġwienaħ, tkessiħ u ppakkjar għall-ġarr li jsiru abbord bastimenti tas-sajd,
 - Il-ġarr u l-ħażna ta' prodotti tas-sajd li n-natura tagħhom ma tantx tbiddlet, inklużi prodotti tas-sajd ħajjin, ġo rziezet fuq l-art, u
 - Il-ġarr ta' prodotti tas-sajd (*sew jekk tal-ilma baħar jew tal-ilma ħelu*) li n-natura tagħhom ma tantx tbiddlet, inklużi prodotti tas-sajd ħajjin, mill-post tal-produzzjoni għall-ewwel stabbiliment destinatarju.

Ħalib mhux ipproċessat [l-Anness III, it-Taqsima IX, il-Kapitolu 1]

Ir-Regolament ikopri r-rekwiżiti li jridu jiġu mħarsa fir-razzett, speċjalment fir-rigward ta' saħħet l-annimali, l-iġjene fl-azjendi li jipproduċu l-ħalib, u l-kriterji li jridu jiġu mħarsa għall-ħalib mhux ipproċessat.

Il-Bajd [l-Anness III, it-Taqsima X, il-Kapitolu 1]

Ir-Regolament ikopri t-tqandil tal-bajd fil-bini tal-produttur, u jistipula li l-bajd irid jinżamm nadif, xott, mingħajr xi riħa estranja, imħares sew mid-daqqiet u mhux espost direttament għax-xemx.

4. APPROVAZZJONI TA' STABILIMENTI (L-ARTIKOLU 4 TAR-REGOLAMENT)

4.1. **Stabbilimenti suġġetti għall-approvazzjoni**

Stabbilimenti [barra dawk li jagħmlu biss produzzjoni primarja, ħidmiet ta' ġarr, il-ħażna ta' prodotti li ma jeħtiġux kundizzjonijiet ta' ħażna b'temperatura kkontrollata jew operazzjonijiet ta' bejgħ bl-immnut barra dawk li għalihom japplika dan ir-Regolament skont l-Artikolu 1(5)(b)] li jittrattaw/jittrattaw dawk il-prodotti li għalihom l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 jistipula r-reqwiżiti li jridu jkunu approvati. Dan jinvolti firxa wiesgħa ta' stabbilimenti, inkluż stabbilimenti li jittrattaw prodotti mhux ipproċessati u prodotti ipproċessati li joriġinaw mill-annimali.

Lista mhux dettaljata ta' kategoriji ta' stabbilimenti suġġetti għall-approvazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tinsab fl-Anness IV tad-dokument preżenti.

Minħabba li (l-attivitajiet tal-bejgħ li jinvolve bejgħ dirett jew forniture ta' ikel li joriġina mill-annimali lill-konsumatur aħħari) mhumiex koperti bl-iskop tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, l-approvazzjoni tal-istabbilimenti tal-bejgħ mhix meħtieġa b'dak ir-Regolament.

4.2. **L-approvazzjoni ta' stabbilimenti żgħar**

Barra minn hekk stabbilimenti żgħar li jittrattaw ikel li joriġina mill-annimali jridu jkunu approvati mill-awtorità kompetenti.

Ir-reqwiżiti tal-approvazzjoni għal dawk l-istabbilimenti huma l-aktar ir-reqwiżiti li applikaw għalihom diġà taħt ir-regoli preċedenti. Għalhekk ir-reqwiżit il-ġdid tal-approvazzjoni m'għandux jimponi piż importanti ġdid ladarba dawn l-istabbilimenti diġà kkonformaw mar-regoli fuq l-iġjene fl-ikel applikabbli għalihom skont ir-regoli rilevanti Komunitarji (eż. Direttivi 64/433/KEE u 77/99/KEE).

Kummenti:

Regolament (KE) Nru 853/2004 jeskludi l-bejgħ (jiġifieri t-trattar u/jew l-ipproċessar ta' ikel u l-ħażna tiegħu meta jinbiegħ) mill-ambitu tiegħu. Dan ifisser li fejn il-ġobon hu fabbrikat u mibjugħ f'post tal-bejgħ (eż. fir-razzett), dawn l-attivitajiet jistgħu jsiru b'ħarsien tar-reqwiżiti stipulati fir-Regolament (KE) Nru 852/2004 biss, li jeħtieġ reġistrazzjoni iżda l-ebda approvazzjoni.

4.3. Laħam ta' annimali maqtula fir-razzett

Attivitajiet ta' qtil fir-razzett iridu jsiru skont ir-rekwiżiti xierqa tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 u mar-regoli speċifiċi fuq l-iġjene fl-ikel għall-produzzjoni tal-laħam stipulati fir-Regolament (KE) Nru 853/2004. Dan jinkludi li l-faċilitajiet tal-qtil iridu jkunu approvati mill-awtorità kompetenti.

Fejn jidhrilhom li r-rekwiżiti infrastrutturali tar-Regolamenti (KE) Nru 852/2004 u 853/2004 huma sproporzjonati għall-qtil fir-razzett, l-Istati Membri jistgħu jadattaw dawk ir-rekwiżiti, billi jadottaw miżuri nazzjonali, skont il-proċedura stipulata għal dak il-għan fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 u/jew l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

Kummenti:

- *Il-fornitura diretta, mill-produttur, ta' **kwantitajiet żgħar ta' laħam mit-tjur u lagomorfi** maqtula fir-razzett lill-konsumatur aħħari jew lill-stabbilimenti tal-bejgħ lokali, li jissupplixxu direttament dak il-laħam lill-konsumatur aħħari, ma taqax fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 853/2004. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli nazzjonali biex jiżguraw is-sigurtà ta' dak il-laħam [ara l-Artikolu 1, il-paragrafu (d) tar-Regolament].*
- *Fil-każ ta' "**qtil għall-konsum privat domestiku**", tali attività ssir minn persuna privata li ma tistax titqies bħala operatur ta' negozju tal-ikel. Barra minn hekk, il-laħam li joħroġ minn dak il-qtil ma jitqegħidx fis-suq. Għalhekk qtil għal konsum domestiku privat ma jaqax taħt l-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 u 853/2004. L-Istati Membri jistgħu jkollhom regoli nazzjonali stabbiliti fir-rigward ta' dan it-tip ta' qtil.*

4.4. L-approvazzjoni ta' mħażen iffriżati

L-Artikolu 1, paragrafu 5 (a) tar-Regolament Nru 853/2004 jistabbilixxi li: "***Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, dan ir-Regolament ma għandux japplika għal bejgħ bl-imnut***".

PMInhabba li l-imħażen iffriżati jistgħu jitqiesu bħala stabbilimenti tal-bejgħ fis-sens wiesa' tat-tifsira fl-Artikolu 3, il-paragrafu 7 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, wieħed jista' jikkonkludi li l-imħażen iffriżati huma ġeneralment esklużi mill-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u għalhekk mhumiex suġġetti għal approvazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti (ara l-Artikolu 1, il-paragrafu 5(a) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004).

Minkejja dan, fir-rigward tal-ħażna f'imħażen imkessħa, ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 jistipula r-rekwiżiti li jridu jitqiesu bħala li **qed jindikaw b'mod espliċitu** li l-operazzjonijiet tal-ħażna f'imħażen iffriżati jaqgħu fl-ambitu tar-Regolament, eż.:

- L-Anness III, it-Taqsima I, il-Kapitolu VII tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 fih rekwiżiti li jirrigwardaw il-ħażna fil-friża tal-laħam, u mħażen iffriżati għal-laħam huma għalhekk stabbilimenti li jittrattaw prodotti li għalihom l-Anness III tar-Regolament jistipula rekwiżiti. Dawk l-istabbilimenti m'għandhomx joperaw sakemm l-awtorità kompetenti ma tkunx approvathom;
- L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 jeskludi b'mod espliċitu l-ħażna ta' prodotti li ma jeħtiġux kundizzjonijiet ta' ħażna b'temperatura kkontrollata mill-obbligi tal-approvazzjoni, b'dan wieħed jifhem li stabbilimenti li jkunu se jaħżnu fil-friża jridu jkunu approvati.

Imħażen iffriżati jridu għalhekk ikunu approvati sakemm jintużaw b'relazżjoni ma' attivitajiet li għalihom l-Anness III tar-Regolament 853/2004 jistipula rekwiżiti.

Iżda, fid-dawl tal-Artikolu 1, il-paragrafu 5(b), imħażen iffriżati mmexxija minn ħwienet ġenwini li jbiegħu bl-imnut, li mhumiex koperti bir-Regolament, mhumiex suġġetti għar-Regolament, u mħażen iffriżati li huma involuti f'operazzjonijiet ta' bejgħ bl-ingrossa, li huma fiżikament limitati għall-ġarr u l-ħażna, m'għandhomx għalfejn ikunu approvati iżda jibqgħu suġġetti għar-rekwiżiti tat-temperatura. Meta l-attivitajiet ta' bejgħ bl-ingrossa jinkludu aktar mill-ħażna u l-ġarr (ngħidu aħna għall-ippakkjar mill-ġdid), l-imħażen iffriżati jibqgħu stabbilimenti li jridu jiġu approvati skont l-Artikolu 4.

4.5. Stabbilimenti li jippakkjaw mill-ġdid

Stabbilimenti li jippakkjaw mill-ġdid jaħdmu biex ineħħu mill-pakkett prodotti li joriġinaw mill-annimali, li qabel kienu ippakkjati fi stabbiliment ieħor. Dawk il-ħidmiet ta' tneħħija mill-pakkett u ta' ippakkjar mill-ġdid jistgħu jiġu mħallta ma' ħidmiet bħal qtuġh ta' ikel fi flieli u f'biċċiet.

Stabbilimenti li jippakkjaw mill-ġdid jittrattaw prodotti esposti li joriġinaw mill-annimali. Wieħed irid iqis li, meta jittrattaw prodotti li joriġinaw mill-annimali, li huma koperti bl-Anness III tar-Regolament, huma jaqgħu fl-ambitu tal-Artikolu 4, il-paragrafu 2 tar-Regolament. Għalhekk l-approvazzjoni tagħhom hi meħtieġa. Dan hu mod aċċessibbli loġiku minħabba li perikli ġodda jistgħu jiddaħħlu fil-livell ta' dawk l-istabbilimenti.

Sabiex ikunu jistgħu jinżammu t-traċċi, l-operaturi tan-negozji tal-ikel m'għandhomx iqiegħdu fis-suq prodotti li joriġinaw mill-annimali trattati fi stabbilimenti li jippakkjaw mill-ġdid sakemm ma titwahħalx il-marka ta' identifikazzjoni tal-istabbiliment li jippakkja b'dak il-mod.

4.6. Swieq li jbiegħu bl-ingrossa

Jidher mill-Artikolu 3, il-paragrafu 3 tar-Regolament (KE) Nru 854/2004 li swieq li jbiegħu bl-ingrossa, li jiffabbrikaw prodotti li joriġinaw mill-annimali,

jeħtieġu approvazzjoni qabel ma jkunu jistgħu jqiegħdu l-prodotti tagħhom fis-suq. PMinhabba li f'suq fejn isir bejgħ bl-ingrossa, diversi infrastrutturi u tagħmir (eż. il-provvista tal-ilma, imħażen iffriżati) jintużaw minn diversi unitajiet, jidher opportun li persuna/korp jinżamm responsabbli biex jiżgura li jintlaħqu r-rekwiżiti tal-iġjene għal dawk l-infrastrutturi u tagħmir komuni.

5. KWISTJONIJIET TEKNIĊI

IL-LAĦAM

5.1. Speċijiet tal-animali

Definizzjonijiet ta' ċerti speċijiet ta' animali huma previsti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

- Fir-rigward tal-punt 1.2 'ungulati domestiċi' huma definiti bħala "*bovini domestiċi (inkluż l-ispeċi Bubalus u Bison) (...)*". L-animali jak jew żebu jaqgħu taħt bovini domestiċi wkoll.
- Fir-rigward tal-punt 1.6 'tjur imrobbija fl-irziezet' huma definiti bħala "*għasafar li ma jtirux u mammali tal-art imrobbija minbarra dawk imsemmija fil-punt 1.2*". Renni li normalment jiġu mrobbija fl-irziezet jaqgħu taħt animali imrobbija fl-irziezet ukoll.

5.2. Animali nodfa

Ir-rekwiżit li l-animali jkunu nodfa hu msemmi f'diversi partijiet tar-regoli l-ġodda fuq l-Iġjene:

- Il-bdiewa jridu jieħdu miżuri adegwati, safejn jistgħu, biex jiżguraw li l-animali li jkunu sejrin għall-qatla jkunu nodfa (l-Anness I, il-Parti A, il-punt II 4(c) tar-Regolament (KE) 852/2004);
- L-operaturi tal-biċċerija jridu jassiguraw li l-animali huma nodfa (l-Anness III, it-Taqsima I, il-Kapitolu IV, il-punt 4 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004);
- Il-veterinarju uffiċjali jrid jivverifika li hemm konformità mar-rekwiżit li jiżgura li l-animali li għandhom dawk il-kundizzjonijiet ta' ġilda hoxxna, ġilda jew suf li hemm riskju mhux aċċettabbli ta' kontaminazzjoni tal-laħam waqt il-qatla ma jinqatlux jekk ma jitnaddfux qabel (l-Anness I, it-Taqsima II, il-Kapitolu III, il-punt 3 tar-Regolament (KE) Nru 854/2004)

L-isfond għal dan ir-rekwiżit hu li hemm provi sostanzjali li animali maħmuġin kienu l-kawża ta' kontaminazzjoni tal-karkassa u sussegwentement ta' avvelenament fl-ikel. Għaldaqstant animali li jintbagħtu għal qatla għandhom

ikunu nodfa biżżejjed li ma jippreżentawx riskju mhux aċċettabbli għal qatla u operazzjonijiet ta' tbiċċir.

L-għan tar-rekwiżit hu li jevita l-kontaminazzjoni tal-laħam waqt il-qatla sabiex ikun żgurat li l-kwalità mikrobijoloġika meħtieġa bil-liġi Komunitarja tinkiseb.

L-iżviluppar ta' mezzi biex jintlaħaq il-għan hu kompitu li jrid jinkiseb mill-operaturi tan-negozji tal-ikel konċernati. Hemm mezzi differenti biex jintlaħaq il-għan, fosthom:

- It-tindif effettiv tal-annimali, jew
- L-għażla tal-annimali skont kemm huma nodfa u l-iżviluppar ta' skema adattata tal-qtil, jew
- L-iżviluppar ta' proċeduri għall-ilbies iġjeniku biex ikunu protetti l-karkassi tal-annimali minn kontaminazzjoni bla bżonn, jew
- Proċeduri oħra adattati.

Gwidi għall-prassi tajba jistgħu jkunu għodda adattati biex jgħinu lill-operaturi tal-biċċerija ħalli jiddefinixxu dawn il-mezzi.

Hu kompitu tal-awtorità kompetenti li tivverifika jekk il-proċeduri żviluppatti mill-operaturi twettqux sew.

5.3. Faċilitajiet għaż-żamma temporanja tal-annimali u artijiet żgħar imdawra bi lqugħ fejn jistkennu l-annimali

L-Anness III, it-Taqsima I, il-Kapitolu II, il-punt 1(a) tar-Regolament jistipula li “Il-biċċeriji jrid ikollhom faċilitajiet adegwati u iġjeniċi fejn jorqdu l-annimali jew, jekk it-temp jippermetti, artijiet żgħar imdawra bi lqugħ fejn jistkennu u jistennu l-annimali li huma faċli biex jtnaddfu u jiġu diżinfettati. Dawn il-faċilitajiet iridu jkunu mgħammra biex jisqu l-annimali u, jekk hemm bżonn, biex jagħlfuhom.”

Fil-każ ta' rekwiżiti oħra, il-prinċipju ta' proporzjonalità jrid jitħares meta jiġi deċiż kif għandhom ikunu l-imraġad tal-annimali jew l-artijiet żgħar miftuħa fejn iridu jstkennu. Għall-biċċeriji ż-żgħar, li joqtlu ftit annimali, m'hemmx għalfejn infrastrutturi sofistikati jew estensivi, u t-tagħmir għat-tisqija u jekk ikun meħtieġ għall-għalf tal-annimali jista' jkun sempliċi (eż. tagħmir ambulanti).

5.4. Tagħmir għall-isterilizzazzjoni tas-skieken

L-Anness III, it-Taqsima I, il-Kapitolu II, il-punt 3 tar-Regolament jistipula li l-biċċeriji “irid ikollhom faċilitajiet biex jiddiżinfettaw l-għodod

bl-ilma jaħraq li jkollu temperatura ta' mhux inqas minn 82°C jew sistema alternattiva li jkollha l-istess effett."

Intwera tħassib mill-operaturi ta' biċċeriji żgħar li dan ir-rekwiżit, fir-rigward tal-isterilizzazzjoni tas-skieken, jista' joħloq il-bżonn li jkun hemm ħafna faċilitajiet fil-kamra fejn issir il-qatla.

L-għan tar-rekwiżit hu li jiżgura li l-laħam ma jiġix kontaminat mit-tagħmir, eż. s-skieken. Dan il-għan jista' jintlaħaq b'mezzi differenti, bħal:

- Li jkollhom tagħmir li jsterilizza s-skieken f' postijiet kruċjali fil-biċċeriji, li jkun direttament aċċessibbli għall-ħaddiema. Dak it-tagħmir jista' jkun l-għażla adattata fil-biċċeriji l-kbar.
- L-isterilizzazzjoni f'operazzjoni waħda ta' għadd ta' skieken, biżżejjed biex jiżgura li jkun hemm skieken nodfa tul l-operazzjonijiet tal-qtil. Din is-soluzzjoni tista' tkun adattata f'biċċeriji li ma joqtlux ħafna.

5.5. Il-ġarr tal-laħam f'temperaturi li jridu jippermettu l-produzzjoni ta' prodotti speċifiċi

L-Anness I, il-Kapitolu XIV, il-punt 66 tad-Direttiva 64/433/KEE jistipula li:

"Il-laħam frisk irid ikun iffriżat immedjatament wara li ssir spezzjoni wara l-qatla u jinżamm f'temperatura interna kostanti ta' mhux aktar minn + 7 °C għall-karkassi u l-biċċiet u + 3 °C għall-interjuri.

Derogi minn dawn ir-rekwiżiti jistgħu, għal raġunijiet tekniċi marbuta mal-maturità tal-laħam, jingħataw mill-awtorità kompetenti skont kull każ individwali għall-ġarr tal-laħam lejn azjendi fejn isir il-qtugħ jew lejn ħwienet tal-laħam fil-viċinanza eżatta tal-biċċerija, dejjem jekk dak il-ġarr ma jdumx aktar minn sagħtejn".

F'diversi okkażjonijiet, il-Kummissjoni ġiet mistoqsija mill-operaturi tan-negozji tal-ikel li jibżgħu li din il-possibiltà ma ddaħħlitx ukoll fir-Regolament (KE) Nru 853/2004. Iżda, il-possibiltà ta' derogi għat-temperatura għall-ġarr tal-laħam inżammet, u anzi twessgħet fl-Anness III, it-Taqsima I, il-Kapitolu VII, il-punt 3 tar-Regolament li jstipula li:

*"Il-laħam irid jilħaq it-temperatura speċifikata fil-punt 1 qabel il-ġarr, u jinżamm f'dik it-temperatura waqt il-ġarr. Iżda, il-ġarr jista' jsir ukoll jekk l-awtorità kompetenti tawtorizza dan sabiex tkun **tista' ssir il-produzzjoni ta' prodotti speċifiċi**, dejjem jekk:*

- (a) *dak il-ġarr isir skont ir-rekwiżiti li l-awtorità kompetenti tispeċifika fir-rigward tal-ġarr minn stabbiliment wieħed partikolari għall-ieħor,*

u

(b) *il-laħam jitlaq mill-biċċerija, jew minn kamra fejn isir il-qtuġħ fl-istess sit bħall-bini tal-biċċerija minnufih u l-ġarr ma jdumx aktar minn sagħtejn.*"

“Prodotti speċifiċi” jridu jinftieħmu bħala kull prodott li għalih l-awtorità kompetenti taġti awtorizzazzjoni u tispeċifika r-rekwiżiti li jridu jiġu mħarsa.

5.6. Biċċjeċ għar-rimi u biċċiet maqtugħa għar-rimi

L-Anness III, it-Taqsima V, il-Kapitolu II, il-punt 1(c)(i) jistipula li “*l-materjal mhux ipproċessat użat fit-tiswir ta’ laħam ikkapuljat ma jridx jiġi minn bċejeċ mormija u biċċiet maqtugħa u mormija (barra minn biċċiet sħaħ tal-muskoli)*”.

PMinħabba li l-kelma “rimi” tista’ tfisser jew “biċċiet zġhar” jew “skart”, saru diversi talbiet biex jiġi ċċarat x’għandu jinftieħem bit-termini “biċċiet mormija u qatgħat mormija”.

F’termini ġenerali, ma jidherx li jagħmel sens li jiġu ipprojbti prodotti adattati għall-konsum min-nies milli jintużaw għall-konsum min-nies. L-użu ta’ biċċiet zġhar (bċejeċ u qatgħat) ta’ laħam li huma tajbin biex jikkunsmawhom in-nies, biex minnhom isir il-laħam ikkapuljat m’għandhomx għalhekk ikunu ta’ problema. B’dan wieħed jifhem li l-kwalità mikrobijoloġika tal-laħam ikkapuljat trid tkun żgurata l-ħin kollu, u li ttieħdu minn muskoli sħaħ.

5.7. L-evalwazzjoni tal-informazzjoni fuq il-proċess tal-ikel mill-operatur tal-biċċerija

Fir-rigward tal-informazzjoni dwar il-proċess tal-ikel, l-Anness II, it-Taqsima III, il-punt 5 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 jistipula li l-operaturi tal-biċċerija jridu, sabiex jiċċekkjaw jekk għandhomx jaċċettaw jew ma jaċċettawx annimali fil-bini taġħhom, jevalwaw l-informazzjoni rilevanti qabel ma jagħtuha lill-veterinarju uffiċjali.

Fil-prattika, l-operatur tal-biċċerija għandu **jikkontrolla** li l-informazzjoni dwar il-proċess tal-ikel li tiġi preżentata tkun sħiħa bla ebda żbalji li jidheru jew ommissjonijiet, u tista’ titqies effettiva biex tappoġġja d-deċiżjoni tiegħu. Din ma timponix fuq l-operatur tal-biċċerija biex jagħmel evalwazzjoni professjonali tal-informazzjoni minħabba li dik l-evalwazzjoni tista’ ssir biss b’mod professjonali mill-veterinarju uffiċjali.

5.8. Biċċerija mobbli

Il-kliem tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 u (KE) No 853/2004 ma żżommx milli jintużaw faċilitajiet mobbli għall-qtil tal-annimali, sakemm dawn il-faċilitajiet ikunu konformi mar-rekwiżiti rilevanti stipulati f’dawk ir-Regolamenti.

L-Istati Membri jistgħu jadattaw ir-rekwiżiti fir-rigward tal-bini, struttura u tagħmir ta' dawn l-istabbilimenti billi jadottaw miżuri nazzjonali li jkunu korformi mal-proċeduri stipulati fl-Artikoli 13 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 u 10 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

5.9. Il-preparazzjonijiet tal-laħam u l-prodotti tal-laħam

L-Anness I tar-Regolament (KE) 853/2004 jiddefinixxi:

- “Preparazzjonijiet tal-laħam” tfisser "laħam frisk, inkluż laħam mqatta' biċċiet żgħar, li miegħu żdied ikel ieħor, ħwawar, jew addittivi jew li għadda minn proċessi li ma kienux biżżejjed biex jimmodifikaw l-istruttura interna tal-fibra tal-muskoli tal-laħam li b'hekk jintilfu l-karatteristiċi ta' laħam frisk." (il-punt 1.15)
- “Prodotti tal-laħam” tfisser prodotti pproċessati li jirriżultaw mill-ipproċessar ta' laħam jew mill-ipproċessar ulterjuri ta' prodotti pproċessati bħal dawn, ħalli l-wiċċ maqtugħ ma jkunx juri iktar il-karatteristiċi ta' laħam frisk. (il-punt 7.1)

Id-definizzjonijiet ta' "ipproċessar", "prodotti mhux ipproċessati" u "prodotti pproċessati" huma stabbiliti, rispettivament, fl-Artikolu 2(1)(m), (n) u (o) tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 u huma applikabbli għall-oġġetti kollha tal-ikel, inkluż laħam.

Il-prodotti kollha tal-laħam jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' “prodotti ipproċessati”. Madankollu, preparazzjonijiet tal-laħam jistgħu jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' "prodotti mhux ipproċessati" jew dik ta' “prodotti ipproċessati”. Pereżempju, preparazzjoni tal-laħam se taqa' taħt id-definizzjoni ta' “prodotti pproċessati” jekk l-azzjonijiet imsemmija fid-definizzjoni ta' "pproċessar” li huma applikati ma jkunux biżżejjed biex jibdlu kompletament l-istruttura interna tal-fibra tal-muskoli tal-laħam u l-wiċċ maqtugħ juri li l-prodott għandu l-karatteristiċi ta' laħam frisk.

Id-definizzjonijiet ta' “preparazzjonijiet tal-laħam” u “prodotti tal-laħam” (u oħrajn fir-Regolament (KE) Nru 853/2004) huma intenzjonalment wesgħin minħabba li t-teknoloġija tal-laħam hija innovattiva. Hemm, madankollu, il-ħtieġa għall-prodotti li jaqgħu taħt definizzjoni partikolari u li huma manifatturati skont ir-rekwiżiti ta' iġjene rilevanti. Barra minn hekk, ir-regoli dwar l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni, l-addittivi u t-tikkettar jaqgħu referenza għal dawn id-definizzjonijiet u, bħala tali, l-armonizzazzjoni tal-applikazzjoni hija essenzjali.

Il-prodotti jistgħu jitqiegħdu fis-suq qabel ma l-ipproċessar jirriżulta f' tibdil sħiħ fl-istruttura interna tal-fibra tal-muskoli/tal-laħam. F'dawn il-każijiet, il-grad sa fejn il-karatteristiċi ta' laħam frisk ġew eliminati fil-punt meta prodott jitqiegħed fis-suq se tiddetermina d-definizzjoni li taħtha jaqa'. Jekk il-karatteristiċi ta' laħam frisk mhumiex eliminati kompletament, il-prodott għandu jiġi kkunsidrat li jaqa' taħt id-definizzjoni ta' “Preparazzjonijiet tal-laħam”. Jekk il-karatteristiċi ta'

laħam frisk jġu eliminati kompletament, għandu jġi kkunsidrat li jaqa' taħt id-definizzjoni ta' "prodotti tal-laħam".

Għalhekk jistgħu jingħataw il-kjarifiki li ġejjin:

- Laħam frisk li jkun ġie ridott għal fraq jinkludi laħam ikkapuljat. Għaldaqstant, laħam ikkapuljat li miegħu ġew miżjuda oġġetti tal-ikel oħra, ħwawar jew addittivi jaqa' taħt id-definizzjoni ta' preparazzjonijiet tal-laħam.
- Laħam frisk li jkun ġie mmarinat kompletament sal-ġewwieni jaqa' taħt id-definizzjoni ta' "prodotti tal-laħam" kif id-definizzjoni ta' "ipproċessar" jinkludi l-immarinat u dan il-proċess jirriżulta f'denaturizzazzjoni tal-proteini tal-fibri muskolari li jikkostitwixxi modifika tal-istruttura interna tal-fibra tal-muskoli tal-laħam u l-eliminazzjoni ta' karatteristiċi ta' laħam frisk fuq il-wiċċ maqtuġħ.
- Laħam frisk li ma ġietx kompletament permezz immarinat liċ-Ċentru taqa' taħt id-definizzjoni ta' "Preparazzjonijiet tal-laħam" kif il-modifika tal-istruttura interna tal-fibra tal-muskoli ma tkunx kompluta u l-wiċċ maqtuġħ għadu juri l-karatteristiċi ta' laħam frisk.
- Laħam immellaħ jew ippreservat, anki il-laħma kollha, imqiegħda fis-suq fil-fażi inizjali tal-proċess ta' maturazzjoni u li ma jkunx għadda minn xi proċessar ieħor, tali tisjir jew tnixxif, jaqa' taħt id-definizzjoni ta' "preparazzjoni tal-laħam", peress li l-karatteristiċi ta' laħam frisk jkunu għandhom hemm. Meta l-prodott jgħaddi minn ipproċessar ulterjuri, bħal tnixxif, li jirriżulta fl-eliminazzjoni tal-karatteristiċi ta' laħam frisk, imbagħad se jaqa' taħt id-definizzjoni ta' "prodotti tal-laħam".
- Laħam moqli b'mod ħafif (flash fried meat) li jibqa' nej fil-ġewwieni jaqa' taħt id-definizzjoni ta' "preparazzjonijiet tal-laħam", peress li l-proċess ma jkunux biżżejjed biex jibdel l-istruttura interna tal-fibra tal-muskoli tal-laħam u jelimina l-karatteristiċi ta' laħam frisk kompletament. Il-wiċċ maqtuġħ għalhekk għadu juri l-karatteristiċi ta' laħam frisk.
- Laħam moqli b'mod ħafif (flash fried meat) immarinat sal-ġewwieni jew kompletament imwebbes qabel ma nqela b'mod ħafif skont id-definizzjoni ta' "prodott tal-laħam", minħabba li l-immarinat/twebbis sħiħ elimina l-karatteristiċi ta' laħam frisk.
- Laħam li nqela kompletament iżda li jibqagħlu l-ħtieġa tat-tisjir qabel il-konsum jaqa' taħt id-definizzjoni ta' "prodotti tal-laħam", peress li l-qali biddel l-istruttura interna tal-fibra tal-muskoli tal-laħam sal-punt li l-karatteristiċi ta' laħam frisk ġew eliminati u l-wiċċ maqtuġħ ma jibqax juri l-karatteristiċi ta' laħam frisk."

ĦALIB U PRODOTTI TAL-ĦALIB

5.10. Il-marka tal-identifikazzjoni

Ara t-Taqsima 5.18.

5.11. Tagħmir awtomatiku għall-ħlib

L-Anness III, it-Taqsima IX, il-Kapitolu I, il-Parti II, is-Subparti B, il-Punt 1(b) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 jistipula li l-ħalib minn kull animal irid “jiġi kkontrollat għal abnormalitajiet organolettiċi jew fiżikokimiċi minn dak li jaħleb jew b’metodu li jagħti riżultati simili”.

Normalment dak li jaħleb jiċċekkja l-ħalib ta’ kull animal billi jispezzjonah b’mod viżiv. Jistgħu jintużaw metodi oħra li jagħtu riżultati simili.

Ikun hemm bżonn ta’ metodi oħra jekk il-ħlib isir permezz ta’ tagħmir tal-ħlib awtomat għal kollox. B’mod partikolari, tkun prassi tajba jekk it-tagħmir ta’ ħlib awtomatiku jkun jista’ jagħraf ħalib mhux normali b’mod awtomatiku u jiseparah mill-fornitura tal-konsum għan-nies. Standard ISO magħruf internazzjonalment li jikkonċerna r-reqwiziti għal tagħmir tal-ħlib awtomat ġie żviluppat u jinkludi metodi li jintużaw biex jiġu ċċekkjati abnormalitajiet organolettiċi jew fiżikokimiċi fil-ħalib (ISO 20966:2007).

5.12. Tikkettjar

L-Anness III, it-Taqsima IX, Il-Kapitolu IV tar-Regolament 853/2004 jordna t-tikkettjar ta’ ħalib mhux proċessat u prodotti magħmula bil-ħalib mhux proċessat maħsuba biex jiġu kkunsmati min-nies fil-kuntest tad-Direttiva 2000/13 dwar it-tikkettjar. Dan jirrikjedi li l-informazzjoni dwar it-tikkettjar li tikkonċerna prodotti magħmula mill-ħalib mhux proċessat tapplika sakemm jinbiegħ.

Għandhom jingħataw lill-konsumatur biex jagħtuh ċans jagħżel. Jista’ jkollhom pakkett, dokument, avviż, tabella, ċirku jew kullar ma’, jew li jirreferi għall-prodotti kkonċernati.

It-termini “trattament fiżiku jew kimiku” imsemmi fil-punt 1(b) tal-istess kapitolu għandu jinftiehem bħala trattamenti biex inaqqsu l-perikli mikrobijoloġiċi li jista’ jkun hemm marbuta mal-ħalib mhux proċessat jew mal-prodotti tal-ħalib mhux proċessat (eż. mikrofiltrazzjoni).

5.13. Kriterji għall-ħalib tal-baqar

L-Anness III, it-Taqsima IX, il-Kapitolu II, III (1) (b) jistipula li l-ħalib tal-baqar ipproċessat użat fil-ħolqien ta’ prodotti tal-ħalib, għandu kalkolu fuq platt ta’ inqas minn 100,000 kull ml. L-isfond ta’ dan ir-reqwizit hu li l-ħalib ipproċessat (eż. ħalib pasturizzat) li jintuża bħala materjal mhux proċessat irid jikkonforma ma’ dan il-limitu qabel ma jgħaddi għall-pass ta’ ipproċessar ġdid. Għalhekk mhux il-ħsieb li jintalab li l-ħalib li jkun diġà daħal fi stadju ġdid tal-ipproċessar

(eż. li miegħu ġiet miżjuda flora addizzjonali għal raġunijiet ta' ipproċessar – produzzjoni ta' jogurt jew ġobon) biex jikkonforma ma' dan il-kriterju.

5.14. Speċijiet tal-animali

L-Anness I, il-punt 4.1 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 jiddefinixxi '*ħalib mhux ipproċessat*' bħala "*ħalib maħlub mill-glandoli mammarji ta' animali mrobbija (...)*". Għaldaqstant din id-definizzjoni tkopri animali minbarra l-ispeċijiet komuni tal-ħalib (il-baqar, in-nagħaġ u l-mogħoż).

Fil-prattika, it-tqegħid fis-suq tal-ħalib mid-dwieb, ħmir, iġmla jew animali mrobbija oħra, li jinkludu animali mrobbija fl-irziezet (eż. renni), ikun possibbli sakemm il-produzzjoni tagħhom u l-ipproċessar ikunu konformi mar-rekwiżiti rilevanti stipulati fir-Regolamenti (KE) Nru 852/2004 u (KE) 853/2004.

PRODOTTI TAS-SAJD

5.15. Parassiti ta' riskju għas-saħħa pubblika

L-Anness III, it-Taqsima VIII, il-Kapitolu III, il-Punt D tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 fih dispożizzjonijiet li jiżguraw li l-qtil ta' parassiti fi stadji vitali ta' larva fil-prodotti tas-sajd li jistgħu jkunu ta' periklu għas-saħħa tal-konsumaturi. Mad parassitiku mrawwem fi prodott tas-sajd fil-bnedmin hu kkawżat minn:

- Infezzjoni wara li jkunu iġestiti parassiti vitali ta' riskju għas-saħħa tal-bniedem. L-istadji ta' larva ta' tali parassiti li huma ta' periklu għal saħħet il-konsumatur huma (1) nematodi, prinċipalment il-larva tal-ispeċi *Anisakis* u *Pseudoterranova decipiens*, (2) larvi (pleroserkojidi) taċ-ċestodi tad-*Diphyllobothrium* u (3) larvi (metaċerkarje) tat-trematodi, jew
- Reazzjoni allerġika marbuta mal-*Anisakidae*. Skont l-EFSA, l-*Anisakis simplex* biss kienet implikata b'mod ċar ma' reazzjonijiet allerġiċi. L-EFSA tistipula li l-inizjatur primarju tal-allerġija għan-nematodi tal-*Anisakis* fil-bnedmin hija infezzjoni b'larvi ħajjin tal-*Anisakis simplex*.

5.16. It-terminu “ovvjament kontaminati”

L-Anness III, it-Taqsima VIII, il-Kapitolu V, il-Punt D “PARISSITI” tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 jinkludi dispożizzjoni ġenerali għall-operaturi tan-negozju tal-ikel dwar eżami viżwali għall-parassiti viżibbli u r-regoli għat-tqegħid fis-suq ta' tali prodotti tas-sajd:

"L-operaturi fin-negozju tal-ikel għandhom jiżguraw illi l-prodotti tas-sajd isirihom eżami viswali bl-iskop li jinstabu l-parassiti viżibbli qabel ma jitqegħdu fis-suq. Ma għandhomx iqegħdu fis-suq għall-konsum tal-bniedem prodotti tas-sajd li jidher ċar li fihom il-parassiti."

It-Taqsima I tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 2074/2005 jistabbilixxi, fil-Kapitolu II, aktar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-ispezzjoni viżwali tal-ħut mingħajr interjuri u ta' qatgħat u flieli tal-ħut għal stabbilimenti fuq l-art u abbord bastimenti fabbrika. Huwa jiddefinixxi wkoll, fil-Kapitolu I, it-termini “parassita viżibbli”, “spezzjoni viżwali” u “dawl tax-xemgħa”.

Metodi distruttivi, bħall-metodu tad-diġestjoni, ma jistgħux jintużaw f'eżami viżwali u spezzjoni viżwali biex jiġi ddeterminat jekk il-prodotti tas-sajd humiex “ovvjament kontaminati” b'parassiti.

Meta jitqies jekk prodott tas-sajd hux “ovvjament kontaminati” b'parassiti, sabiex jiġi vvalutat jekk dan jistax jitqiegħed fis-suq jew le, għandu jkun hemm distinzjoni bejn partijiet li jittieklu u partijiet li ma jittieklux tal-prodott tas-sajd:

- Meta parassiti viżibbli jinstabu biss f'partijiet tal-prodott tas-sajd li mhux se jkun kkonsumati (**partijiet li ma jittieklux tal-materja prima**) il-proċeduri normali (inkluż it-tneħħija tal-ġewwieni, eċċ.) jiżguraw li l-materja prima attwalment użata għal prodotti maħsuba għall-konsum tal-bniedem ma jkun ovvjament kkontaminati b'parassiti viżibbli. Meta partijiet mhux tajbin għall-ikel jitneħħew, il-materja prima ma titqiesx bħala “ovvjament kontaminati”.
- Meta l-partijiet li jittieklu (**il-materja prima jew il-prodotti li jkun ppreżentati lill-konsumatur**) huma ovvjament kkontaminati b'parassiti viżibbli, l-operatur tan-negozju tal-ikel għandu żewġ possibilitajiet: (i) jew li jqiegħad l-prodott tas-sajd fis-suq, jew (ii) b'mod iġeniku, japplika s-selezzjoni normali u/jew il-proċeduri preparatorji jew tal-ipproċessar f'konformità mal-Punt 1 tal-Kapitolu IX tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 biex jiżgura li l-prodott li jrid jippreżentat lill-konsumatur ma għadux aktar "ovvjament kontaminat" b'parassiti b'ispezzjoni viżibbli u għalhekk hu tajjeb għall-konsum mill-bniedem. Il-proċeduri jistgħu jinkludu tirqim tal-materja prima li hija partikolarment suxxettibbli għall-parassiti.

Il-Kummissjoni Codex Alimentarius pprovdiet standards rikonoxxuti internazzjonalment li jipprovdu aktar dettalji għal ċerti prodotti speċifiċi tas-sajd kkontaminati bil-parassiti. Għalkemm dawn it-testi għall-prodotti speċifiċi ma jistgħux jiġu applikati għall-prodotti tas-sajd b'mod ġenerali, dawn huma punti ta' referenza rilevanti għall-prodotti speċifiċi kkonċernati.

It-testi tal-Codex Alimentarius jindikaw limiti għall-parassiti viżibbli mhux vitali u livelli ta' difett għal bidliet fil-konsistenza minħabba l-parassiti għal ċerti prodotti speċifiċi tas-sajd lesti biex jiġu ppreżentati lill-konsumaturi. Il-Codex jiddeskrivi wkoll id-dawl tax-xemgħa b'mod aktar dettaljat mil-leġiżlazzjoni tal-UE.

Xi parassiti fil-prodotti tas-sajd jistgħu ma jkunux viżibbli, iżda li jiddekomponu l-laħam tal-ħut u jistgħu jirrenduh mhux tajjeb għall-konsum uman. F'każijiet bħal dawn id-dispożizzjoni applikabbli hija l-Punt 1 tal-Kapitolu IX tal-Anness

Il tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 u mhux id-dispożizzjonijiet dwar il-parassiti viżibbli fi prodotti tas-sajd imsemmija fl-Anness III, it-Taqsima VIII, il-Kapitolu V, il-Punt D tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

Il-gwidi ta' Prattika tajba jistgħu jkunu għodod xierqa li jassistu lill-operaturi tan-negozju tal-ikel b'rabta mal-kwistjoni dwar il-prodotti tas-sajd "ovvjament kontaminati" mill-parassiti.

L-IMMARKAR TAL-IDENTIFIKAZZJONI

5.17. Min għandu japplika l-marka tal-identifikazzjoni tiegħu?

L-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 jistipula.

“L-operaturi fin-negozju tal-ikel ma għandhomx iqegħdu fis-suq prodott ta' orijini mill-annimali li jkun ġie ttrattat fi stabbiliment li jeħtieġ l-approvazzjoni skont l-Artikolu 4(2) jekk ma jkunx fih:

(a) timbru sanitarju fuqu skont ir-Regolament (KE) Nru 854/2004; jew

(b) meta dak ir-Regolament ma jkunx jeħtieġ li jkun hemm timbru sanitarju, it-timbru ta' identifikazzjoni fuq skont l-Anness II, Taqsima I, ta' dan ir-Regolament”

Il-Punt A.2 fit-Taqsima I tal-Anness II tar-Regolament jistabbilixxi wkoll li:

“Madankollu, meta l-imballaġġ u/jew il-kisi tal-prodotti jitneħħa jew jiġi pproċessat iżjed fi stabbiliment ieħor, għandha tiġi applikata marka ġdida lill-prodott. F'tali każijiet, il-marka l-ġdida għandha tindika n-numru ta' approvazzjoni tal-istabbiliment fejn saru dawn l-operazzjonijiet.”

Il-kwistjoni ewlenija hija “suġġett għall-approvazzjoni” skont ir-Regolament (KE) Nru 853/2004. Din teskludi stabbilimenti li jwettqu biss produzzjoni primarja, operazzjonijiet ta' trasport, ħżin ta' prodotti li ma jeħtiġux kundizzjonijiet ta' ħażna b'temperatura kkontrollata u operazzjonijiet ta' bejgħ bl-imnut meta esklużi mir-Regolament (KE) Nru 853/2004. Il-Punt A.2 fit-Taqsima I tal-Anness II jagħmilha ċara li “ttrattat” fl-Artikolu 5(1) trid tinftiehem b'mod wiesa' inkluż it-tneħħija ta' ppakkjar jew imballaġġ.

Min-naħa l-oħra, jekk ma jkun hemm l-ebda tneħħija tal-imballaġġ jew tal-ippakkjar, u ma jkun hemm l-ebda pproċessar fi stabbiliment, il-marka tal-identifikazzjoni tal-aħħar stabbiliment fil-passi preċedenti tal-katina tal-produzzjoni li hi soġġetta għall-immarrkar tal-identifikazzjoni, trid tinżamm u jenħtieġ li l-ebda marka ta' identifikazzjoni (addizzjonali) ma tiġi applikata.

Eżempji

- A jforni prodotti tal-laħam ippakkjati f'temperatura stabbli lil B (mhux bejjiegħ bl-imnut) mingħajr tikkettar u mingħajr marka tal-identifikazzjoni fuq il-prodotti ppakkjati iżda b'marka tal-identifikazzjoni tiegħu fuq l-imballaġġ. B joħroġ il-prodotti tal-laħam ippakkjati mill-imballaġġ u għalhekk irid japplika l-marka tal-identifikazzjoni tiegħu stess, fuq l-ippakkjar jew fuq l-imballaġġ il-ġdid. B irid jiġi approvat minħabba li l-attivitajiet tiegħu mhumiex limitati għall-ħżin.
- Pakkett kbir mingħand A bil-marka tal-identifikazzjoni applikata fuq il-wiċċ estern tal-imballaġġ tiegħu u fuq il-prodotti ppakkjati fil-pakkett, jasal għand B (mhux bejjiegħ bl-imnut). L-imballaġġ jitneħħa. Il-prodotti ppakkjati jiġu imballati mill-ġdid. L-imballaġġ (jew l-ippakkjar) irid juri l-marka tal-identifikazzjoni ta' B minħabba li tneħħa l-imballaġġ. Il-marka tal-identifikazzjoni fuq l-ippakkjar u l-imballaġġ se tkun differenti jew jista' jkun hemm żewġ marki tal-identifikazzjoni fuq l-ippakkjar.
- B jirċievi ġenbejn taċ-ċanga ppakkjati f'vakwu mkeshin bil-marka tal-identifikazzjoni ta' A, li wettaq it-tqattigħ u l-ippakkjar. Għand B, il-prodott biss jgħaddi minn trattament ta' ffriżar (m'hemm l-ebda ppakkjar mill-ġdid jew imballaġġ mill-ġdid). B ma jistax japplika l-marka tal-identifikazzjoni tiegħu peress li m'hemm l-ebda ppakkjar mill-ġdid u l-iffriżar mhuwiex ipproċessar.
- B jirċievi prodotti tal-laħam imqattgħin (ippakkjat bil-lest) bil-marka tal-identifikazzjoni ta' A fuq l-ippakkjar. B huwa impjant indipendenti li jwettaq biss pproċessar taħt pressjoni għolja fuq il-prodott, biżżejjed biex jitnaqqas l-ammont ta' batterji. B jrid japplika marka tal-identifikazzjoni tiegħu fuq l-ippakkjar (mill-ġdid) jew fuq il-prodott ippakkjat ġaladarba HPP huwa pproċessar. Jenħtieġ li jkun ċar liema attività twettqet minn A u minn B.

5.18. Immarkar multiplu tal-identifikazzjoni

F'għadd ta' każijiet, ippakkjar jista' jkollu aktar minn marka tal-identifikazzjoni waħda (ara l-aħħar eżempju ta' hawn fuq dwar il-prodotti tal-laħam imqattgħin ittrattati tal-HPP ippakkjati).

Hi ħaġa komuni li fis-settur tal-ħalib jiġu mwaħħla diversi marki ta' identifikazzjoni fuq pakkett uniku b'indikazzjoni ċara dwar liema marka hi l-valida. Dan huwa l-każ meta l-istess prodott jista' jiġi prodott fi stabbilimenti differenti. Dan ġie osservat ukoll f'setturi oħra.

Il-kliem tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 ma jipprekludix tali prattika sakemm ikun ċar liema stabbiliment ipproduċa jew ipproċessa l-prodott. Barra minn hekk, marka multipla tal-identifikazzjoni jenħtieġ li tibqa' eċċezzjonali u jenħtieġ li tiġi evitata kemm jista' jkun possibbli biex tiġi eskluża l-konfużjoni dwar l-istabbiliment li pproduċa l-prodott.

ANNEX I

Lista mhux dettaljata ta' prodotti mhux ipproċessati li joriġinaw mill-animali

- Laħam frisk/laħam ikkapuljat/Laħam Separat bil-Magni
- Imsaren, stonkijiet u b'zieqaq tal-awrina mhux immaddfa
- Preparazzjonijiet tal-laħam li ma ġewx ipproċessati
- Demm
- Prodotti friski tas-sajd
- Molluski bivalvi ħajjin, ekinodermi ħajjin, tunikati ħajjin u gasteropodi tal-baħar ħajjin
- Ħalib mhux ipproċessat
- Bajd sħiħ u bajd imħabbat
- Saqajn taż-żrinġijiet
- Bebbux
- Għasel

Prodott mhux ipproċessat bi prodott li joriġina mill-pjanti jibqa' prodott mhux ipproċessat eż.

- seffud bil-laħam u ħxejjex friski
- preparazzjonijiet ta' prodotti tas-sajd friski (eż. qatgħat tal-ħut fetta fetta) b'ikel li joriġina mill-pjanti

Kummenti:

- Prodotti mhux ipproċessati jistgħu jiġu kklassifikati bħala “prodotti mhux maħduma”, jiġifieri ma għaddewx mill-ipproċessar (jiġifieri kull azzjoni li tibdel b'mod sostanzjali l-prodott inizjali, inkluż it-tisħin, ix-xiwi, l-ikkurar, l-immaturar, it-tnixxif, l-immarinar, l-estrazzjoni, l-estrużjoni, jew taħlita ta' dawk il-proċessi). Prodotti ffriżati li joriġinaw mill-animali jibqgħu prodotti mhux ipproċessati.
- “Frisk” (fir-rigward tal-laħam) tfisser laħam li ma għadda mill-ebda proċess ta' ippriservar barra mit-tkessiħ, l-iffriżar jew l-iffriżar malajr, inkluż laħam li hu ppakkjat bil-vakwu f'atmosfera ikkontrollata.
- “Frisk” (fir-rigward tal-prodotti tas-sajd) tfisser prodotti tas-sajd mhux ipproċessati, sew jekk sħaħ jew ippreparati, inkluż prodotti ppakkjati bil-vakwu jew f'atmosfera modifikata, li ma ġew ittrattati bl-ebda mod biex jassiguraw l-ippriservar aktar milli t-tkessiħ.

ANNEX II

Lista mhux dettaljata ta' prodotti mhux ipproċessati li joriġinaw mill-annimali

Il-prodotti pproċessati jsiru billi l-prodotti nejja jgħaddu minn proċess bħal tisħin, xiwi, kurar, immaturar, tnixxif, immarinar, eċċ. Il-proċess irid iwassal għal tibdil sostanzjali fil-prodott inizjali.

- **Prodotti tal-laħam (perżut, salami, eċċ)**
- **Prodotti tas-sajd ipproċessati (ħut affumikat, ħut immarinat eċċ)**
- **Prodotti tal-ħalib (ħalib trattat bis-sħana, ġobon, jogurt, eċċ)**
- **Prodotti tal-bajd (trab tal-bajd eċċ)**
- **Xaħam tal-annimal misjur**
- **Gambali**
- **Ġelatina**
- **Kollaġen**
- **Imsaren, stonkijiet u bżieżaq tal-awrina pproċessati eċċ.**

Prodotti pproċessati jinkludu wkoll:

- **Taħlita ta' prodotti pproċessati eż. ġobon bil-perżut**
- **Prodotti li għaddew minn diversi operazzjonijiet tal-ipproċessar eż. ġobon mill-ħalib pasturizzat.**

Sustanzi biex jagħtu karatteristiċi speċjali jistgħu jiġu miżjuda eż.

- **zalzett bit-tewm**
- **jogurt bil-frott**
- **ġobon bil-ħxejjex aromatiċi**

Kummenti:

- **Prodotti pproċessati jistgħu jinkludi ċerti preparazzjonijiet bħal laħam immarinat u kkurat.**

ANNEX III

Klassifikazzjoni skont l-attivitajiet

Attività	Ir-Regolament (KE) Nru	Riskji	Lista mhux dettaljata ta' eżempji
Taħlit ta' ikel li joriġina mill-pjanti ma' ikel ipproċessat li joriġina mill-animali pproċessati aktar flimkien.	852/2004	Ir-riskju marbut jista' jkun ikkontrollat billi jiġu implimentati r-regoli tar-Regolament (KE) Nru 852/2004.	<ul style="list-style-type: none"> • Ibbottiljar ta' ikel magħmul mil-laħam ipproċessat bil-ħaxix • Iffurmar ta' pizez li fihom ingredjenti pproċessati li joriġinaw mill-animali (bħal ġobon, ħut ipproċessat jew laħam ipproċessat) • Produzzjoni tas-soppa magħmula minn estratti tal-laħam
Taħlit ta' ikel li joriġina mill-pjanti ma' ikel pproċessat li joriġina mill-animali, u mqiegħed fis-suq kif inhu.	852/2004	Ir-riskju marbut jista' jkun ikkontrollat billi jiġu implimentati r-regoli tar-Regolament (KE) Nru 852/2004.	<ul style="list-style-type: none"> • Tagħmil ta' sandwiches bil-perżut jew bil-ġobon • Fabbrikazzjoni ta' silġiet magħmula minn ħalib ipproċessat (ħalib trattat bis-sħana, trab tal-ħalib) • Tagħmil ta' prodotti tal-furnar ma' prodotti tal-ħalib • Taħlit jew fabbrikazzjoni ta' ikliet lesti għall-ikel magħmula minn prodotti pproċessati li joriġinaw mill-animali (eż. laħam ipproċessat) u ħaxix • Fabbrikazzjoni ta' ħlewwa (eż. ċikkulata li fiha l-ħalib ipproċessat)

- | | | | |
|--|--|--|--|
| | | | <ul style="list-style-type: none">• Produzzjoni tal-majoneż magħmul bi prodotti tal-bajd |
|--|--|--|--|

<p>Taħlit ta' ikel li joriġina mill-pjanti ma' ikel mhux ipproċessat li joriġina mill-animali pproċessati aktar flimkien.</p>	<p>853/2004</p>	<p>Ir-riskju hu identiku għal dak li jkun hemm meta jiġi ffabrikat ikel pproċessat li joriġina mill-animali, eż. prodotti tal-laħam. Dan jiġġustifika li r-regoli tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 għandhom ikunu applikati. L-approvazzjoni tal-bini hi meħtieġa mir-regoli tal-UE u għandha titwaħħal marka tal-approvazzjoni fuq dak l-ikel.</p>	<ul style="list-style-type: none"> • Prodotti bbottiljati magħmula mill-ħaxix u l-laħam frisk • Ġelat mill-ħalib mhux ipproċessat <p>Ara l-kummenti li saru taħt punt 3.4</p>
<p>Taħlit ta' ikel li joriġina mill-pjanti ma' ikel mhux ipproċessat li joriġina mill-animali u mqiegħed fis-suq kif inhu.</p>	<p>853/2004</p>	<p>Ir-riskju hu identiku għal dak li jkun hemm meta jiġu trattati prodotti nejja li joriġinaw mill-animali, eż. laħam frisk eċċ. L-approvazzjoni tal-bini hi meħtieġa mir-regoli tal-UE u għandha titwaħħal marka tal-identifikazzjoni fuq dak l-ikel.</p>	<ul style="list-style-type: none"> • Taħlit ta' laħam nej/seffud tal-ħut mal-ħaxix

ANNEX IV

LISTA MHUX DETTALJATA TA' STABILIMENTI SUĠĠETTI GĦAL APPROVAZZJONI

- IL-LAĦAM
 - Biċċeriji
 - Impjanti tat-tqattigħ
 - Qtil fir-razzett (ħlief fil-każ fejn il-produttur jissupplixxi direttament kwantitajiet żgħar ta' laħam minn tjur-lagomorfi maqtula fir-razzett lill-konsumatur aħħari u lill-istabilimenti lokali li jbiegħu bl-imnut li jissupplixxu direttament lill-konsumatur aħħari)
 - Stabilimenti li jżommu t-tjur
 - Stabilimenti li jipproduċu laħam ikkapuljat, preparamenti ta' laħam u MSM
 - Stabilimenti li jiffabrikaw prodotti tal-laħam
- Molluski bivalvi ħajjin
 - Ċentri minn fejn jitolqu l-prodotti
 - Ċentri ta' purifikazzjoni
- Prodotti tas-sajd
 - bastimenti bil-friżers fuqhom u bastimenti b'fabbriki fuqhom
 - Stabilimenti fuq l-art
- Ħalib u prodotti tal-ħalib
 - Stabilimenti li jipproċessaw il-ħalib mhux ipproċessat f'ħalib ittrattat bis-sħana u fi prodotti tal-ħalib magħmula mill-ħalib mhux ipproċessat
 - Stabilimenti li jagħmlu prodotti tal-ħalib minn prodotti tal-ħalib ipproċessati diġà (eż. butir minn krema pasturizzata, ġobon minn ħalib pasturizzat tat-trab tal-ħalib)
 - Ċentri minn fejn jinġabar il-ħalib
- Bajd u prodotti tal-bajd

- Ċentri għall-imbagg tal-bajd

- Stabbilimenti li jipproċessaw il-bajd
- Saqajn taż-żrinġijiet u bebbux
 - Stabbilimenti li jippreparaw u/jew jipproċessaw is-saqajn taż-żrinġijiet u l-bebbux
- Xaħam tal-animali misjur u gambali
 - Stabbilimenti li jiġbru, jaħżnu jew jipproċessaw materjal mhux maħdum
- Stonkijiet u bżieġaq tal-awrina
 - Stabbilimenti li jittrattaw il-bżieġaq tal-awrina, iż-żaqq u l-imsaren
- Ġelatina
 - Stabbilimenti li jipproċessaw materjal mhux maħdum
- Kollaġen
 - Stabbilimenti li jipproċessaw materjal mhux maħdum
 - Stabbilimenti li jaħdmu biex jippakkjaw mill-ġdid il-prodotti ta' hawn fuq sew jekk huma jew mhumiex assoċjati ma' operazzjonijiet oħra bħal tfellil u tqattigħ.
 - Imħażen iffriżati sakemm jintużaw b' relazzjoni mal-attivitajiet li għalihom l-Anness III tar-Regolament 853/2004 jistipula rekwiżiti.
 - Swieq li jbiegħu bl-ingrossa sakemm il-prodotti li joriġinaw mill-animali jiġu fabbrikati.